

Brussell, 3 ta' Novembru 2015
(OR. en)

13344/15

Fajl Interistituzzjonali:
2011/0901 B (COD)

CODEC 1401
JUR 681
COUR 46
INST 365
PE 169

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea - Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mis-26 sad-29 ta' Ottubru 2015)

I. INTRODUZZJONI

Ir-Relatur, is-Sur Antonio MARINHO e PINTO (ALDE-PT), ippreżenta rapport, fisem il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, li jikkonsisti fi ħdax-il emenda (l-emendi 1-11).

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 tat-TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar l-arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni ¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew, l-Kummissjoni u l-Qorti tal-Ġustizzja bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fit-tieni qari, biex b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa ta' proċedura ta' konċiljazzjoni.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p.5

F'dan il-kuntest, il-gruppi politiċi PPE, S&D u l-Grupp tal-Ħodor/AHE ppreżentaw żewġ emendi ta' kompromess (l-emendi 13 -14) għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari. Dawn l-emendi kien intlaħaq qbil dwarhom matul il-kuntatti informali msemmijin hawn fuq.

Fl-istess ħin, fid-dawl tal-plenarja, ir-Relatur ressaq, f'isem il-grupp politiku ALDE, tmien emendi oħra (l-emendi 16-23), il-grupp politiku ENL ressaq emenda waħda (l-emenda 15) u EFDD ressaq tnax-il emenda (l-emendi 24-35).

II. VOT

Meta vvotat fit-28 ta' Ottubru 2015, il-plenarja laħqet il-maġġoranza assoluta meħtieġa u adottat żewġ emendi ta' kompromess (l-emendi 13 u 14) għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.

Ma ġiet adottata ebda emenda oħra. It-test tal-emendi adottati u r-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew² jinsabu fl-Anness għal dan.

L-emendi adottati jikkorrispondu għal dak li ġie maqbul bejn l-erba' istituzzjonijiet u għalhekk għandhom ikunu aċċettabbli għall-Kunsill. Konsegwentement, ladarba l-Ġuristi-Lingwisti jkunu eżaminaw it-test, il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li jadotta l-att leġislattiv.

² L-emendi huma ppreżentati fl-għamla ta' test konsolidat fejn il-formulazzjonijiet miżjuda huma enfasizzati b'tipa grassa u bil-korsiv, is-simbolu "■" jindika test imħassar u s-simbolu "||" jindika bidliet ta' natura lingwistika jew klerikali.

(28.10.2015)

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea: in-numru ta' mħallfin fil-Qorti Ġenerali *II**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Ottubru 2015 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (09375/1/2015 – C8-0166/2015 – 2011/0901B(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (09375/1/2015 – C8-0166/2015),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari³ fuq it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja mressqa lill-Parlament u lill-Kunsill (02074/2011),
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-21 ta' Ottubru 2015, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 69 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0296/2015),
1. Jadotta l-pożizzjoni fit-tieni qari li tidher hawn taħt;
 2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament u tal-Kunsill annessa ma' din ir-risoluzzjoni.
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

³ Testi adottati tal-15.4.2014, P7_TA(2014)0358.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-28 ta' Ottubru 2015 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE, EURATOM) 2015/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea*

IL-PARLAMENT* T EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 254 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 281 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁴,

* IL-FINALIZZAZZJONI LEGALI LINGWISTIKA TA' DAN IT-TEST GĦADHA MA SARITX.

⁴ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tat-23 ta' Ġunju 2015 (ĠU C 239, 21.7.2015, p. 14). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Ottubru 2015.

Billi:

- (1) B'konsegwenza tal-espansjoni progressiva tal-kompetenza tal-Qorti Ġenerali sa minn meta nħolqot, l-għadd ta' kawżi li qed jitressqu quddiemha ***qed jiżdied b'mod kostanti***.
- (2) Attwalment, it-tul ta' żmien tal-proċedimenti ma jidhirx li hu aċċettabbli mill-perspettiva tal-partijiet fil-kawża, b'mod partikolari fid-dawl tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.
- (3) Is-sitwazzjoni li l-Qorti Ġenerali tinsab fiha għandha ■ kawżi relatati, *inter alia*, maż-żieda kwantitattiva u tal-varjetà tal-atti tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, kif ukoll mal-volum u l-komplessità tal-kawżi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari fl-oqsma tal-kompetizzjoni, tal-ġajnuna mill-Istat ***u l-proprjetà intelletwali***.

- (4) *Il-possibilità li jiġu stabbiliti qradi kif previst fl-Artikolu 257 tat-TFUE ma ġietx applikata.*
- (5) Konsegwentement, *miżuri xierqa ta' natura organizzattiva, strutturali u proċedurali, inkluża b'mod partikolari żieda fl-għadd ta' Mħallfin*, għandhom jittieħdu sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni. L-użu tal-possibilità ■ prevista fit-Trattati ■ li jżied l-għadd ta' Mħallfin tal-Qorti Ġenerali għandu jippermetti ■ tnaqqis fi żmien qasir kemm tal-volum tal-kawżi pendenti kif ukoll tat-tul ta' żmien eċċessiv tal-proċedimenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

- (6) Meta wieħed iqis l-**■** evoluzzjoni tal-volum ta' xogħol tal-Qorti Ġenerali, l-għadd ta' Mħallfin għandu jiġi ffissat għal 56 fi tmiem proċess fi tliet stadji, **żewġ Imħallfin maħtura fuq proposta minn kull wieħed mill-Istati Membri**, bil-fehim li fl-ebda mument ma jista' jkun hemm aktar minn żewġ Imħallfin li jippresiedu fil-Qorti Ġenerali maħtura fuq **■** proposta mill-istess Stat Membru.
- (7) ***Il-kumitat previst fl-Artikolu 255 tat-TFUE jqis b'mod partikolari l-indipendenza, l-imparzjalità, it-tagħrif espert u l-idoneità professjonali u personali tal-kandidati.***
- (8) Sabiex jitnaqqas b'mod rapidu l-għadd kbir ta' kawżi pendenti, tnax-il Imħallef addizzjonali għandhom jieħdu l-kariga ***mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

- (9) F'Settembru 2016, il-kompetenza fil-prim istanza f'kawżi tas-servizz pubbliku ***tal-Unjoni Ewropea*** , u s-seba' postijiet ta' Mħallfin fit- **Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea** , għandhom jiġu trasferiti għall-Qorti Ġenerali, abbażi tat-talba ***leġiżlattiva diġà mħabbra*** mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Tali talba se tqis il-modalitajiet tat-trasferiment tas-seba' postijiet ta' Mħallfin fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku inklużi l-persunal u r-riżorsi.

- (10) F'Settembru 2019, id-disa' Mħallfin li jifdal għandhom jieħdu l-kariga. Sabiex tiġi żgurata l-kosteffettività, dan ma għandux jinvolti r-reklutaġġ ta' segretarji legali addizzjonali jew persunal ieħor ta' appoġġ. Miżuri ta' riorganizzazzjoni interna fl-istituzzjoni għandhom ***jiżguraw*** li jsir użu effiċjenti tar-riżorsi umani eżistenti, ***li għandhom ikunu ugwali għall-Imħallfin kollha, mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti Ġenerali dwar l-organizzazzjoni interna tagħha.***

- (11) *Huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurat il-bilanċ bejn is-sessi fil-Qorti Ġenerali. Sabiex jintlaħaq dan l-oġettiv, sostituzzjonijiet parzjali f'dik il-Qorti għandhom jiġu organizzati b'tali mod li l-Gvernijiet tal-Istati Membri gradwalment jibdew jinnominaw żewġ Imħallfin għall-istess sostituzzjoni parzjali bl-għan li għaldaqstant jintgħażlu mara u raġel, ladarba l-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fit-Trattat jiġu rispettati.*
- (12) Huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar is-sostituzzjoni parzjali ta' Mħallfin u Avukati Ġenerali li sseħħ kull tliet snin jiġu adattati f'dan is-sens.
- (13) *Kif diġà ħabbret il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, bħala segwitu għar-riforma tal-Qorti Ġenerali hija se tippreżenta ċ-ċifri annwali tal-attività ġudizzjarja tagħha u, jekk ikun meħtieġ, tissuġġerixxi miżuri xierqa. Fit-tieni u t-tielet stadji tat-tkabbir tal-Qorti Ġenerali, se ssir evalwazzjoni tas-sitwazzjoni tal-Qorti Ġenerali li, jekk ikun meħtieġ, tista' twassal għal ċerti aġġustamenti, b'mod partikolari f'termini ta' nefqa amministrattiva tal-Qorti.*
- (14) Il-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Protokoll (Nru 3) dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qiegħed jiġi emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 9 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 9

Meta, kull tliet snin, ikun hemm sostituzzjoni parzjali tal-Imħallfin, għandhom jiġu sostitwiti nofs l-Imħallfin. Jekk l-għadd ta' Mħallfin ikun numru bil-fard, l-għadd ta' Mħallfin li jiġu sostitwiti għandu jkun alternat bejn in-numru li jmiss li jkun akbar minn nofs l-għadd ta' Mħallfin u n-numru li jmiss li jkun inqas minn nofs.

L-ewwel paragrafu għandu japplika wkoll meta kull tliet snin jiġu sostitwiti parzjalment l-Avukati Ġenerali."

(2) L-Artikolu 48 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 48

Il-Qorti Ġenerali għandha tikkonsisti minn:

- (a) 40 Imħallef minn ...*;
- (b) 47 Imħallef mill-1 ta' Settembru 2016;
- (c) żewġ Imħallfin għal kull Stat Membru mill-1 ta' Settembru 2019."

* ĠU: *jekk jogħġbok* daħħal *id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*

Artikolu 2

Il-mandat tal-Imħallfin addizzjonali tal-Qorti Ġenerali li għandhom jinħatru taħt l-Artikolu 48 tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkun kif ġej:

- (a) Il-mandat ta' sitta mit-tnax-il Imħallef addizzjonali li għandhom jinħatru minn ...* għandu jintemm fil-31 ta' Awwissu 2016. Dawk is-sitt Imħallfin għandhom jintgħażlu ***b'tali mod li l-gvernijiet ta' sitt Stati Membri jinnominaw żewġ Imħallfin għas-sostituzzjoni parzjali tal-Qorti Ġenerali fl-2016***. Il-mandat tas-sitt Imħallfin l-oħra għandu jintemm fil-31 ta' Awwissu 2019;

* ĠU: *jekk jogħġbok* daħħal *id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*.

- (b) Il-mandat ta' tlieta mis-seba' Mħallfin addizzjonali li għandhom jinħatru mill-1 ta' Settembru 2016 għandu jintemm fil-31 ta' Awwissu 2019. Dawk it-tliet Imħallfin għandhom jintgħażlu ***b'tali mod li l-gvernijiet ta' tliet Stati Membri jinnominaw żewġ Imħallfin għas-sostituzzjoni parzjali tal-Qorti Ġenerali fl-2019***. Il-mandat tal-erba' Mħallfin l-oħra għandu jintemm fil-31 ta' Awwissu 2022;
- (c) Il-mandat ta' erba' mid-disa' Mħallfin addizzjonali li għandhom jinħatru mill-1 ta' Settembru 2019 għandu jintemm fil-31 ta' Awwissu 2022. Dawk l-erba' Mħallfin għandhom jintgħażlu ***b'tali mod li l-gvernijiet ta' erba' Stati Membri jinnominaw żewġ Imħallfin għas-sostituzzjoni parzjali tal-Qorti Ġenerali fl-2022***. Il-mandat tal-ħames Imħallfin l-oħra għandu jintemm fil-31 ta' Awwissu 2025.

Artikolu 3

1. *Sa mhux aktar tard minn ...^{*}, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tfassal rapport, bl-użu ta' konsulent estern, għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-funzjonament tal-Qorti Ġenerali.*

B'mod partikolari, dan ir-rapport għandu jiffoka fuq l-effiċjenza tal-Qorti Ġenerali, il-ħtieġa u l-effikaċja taż-żieda għal 56 Imħallef, l-użu u l-effikaċja tar-riżorsi u l-istabbiliment ulterjuri ta' awli speċjalizzati u/jew tibdiliet strutturali oħrajn.

Fejn ikun xieraq, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tressaq proposti leġiżlattivi sabiex temenda l-Istatut tagħha kif meħtieġ.

2. *Sa mhux aktar tard minn ...^{*}, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tfassal rapport għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar tibdiliet possibbli fid-distribuzzjoni tal-kompetenza għas-sentenzi preliminari skont l-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, meta xieraq, bi proposti leġiżlattivi.*

^{*} ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data: *ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*

^{**} ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data: *sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament.*

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

President

President

ANNEX GħAR-RIŻOLUZZJONI LEGIŻLATIVA

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill

Fi tmiem il-proċess ta' riforma, il-Qorti Ġenerali se tikkonsisti minn żewġ Imħallfin għal kull Stat Membru. Għaldaqstant, sabiex tinkiseb ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, li huwa l-oġettiv tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 3 tat-TUE, il-gvernijiet tal-Istati Membri għandhom, sa fejn ikun possibbli, fil-proċess tal-ħatra tal-kandidati bħala Mħallfin tal-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 254 tat-TFUE, jiżguraw preżenza ugwali ta' nisa u rġiel.